



Brussell, 1 ta' Marzu 2024
(OR. en)

6511/24

LIMITE

ENER 68
ATO 5
POLCOM 50
FDI 12
SERVICES 13

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-ħruġ tal-Unjoni mit-Trattat tal-Karta tal-Enerġija - Qbil fil-prinċipju - Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew

1. Fis-7 ta' Lulju 2023, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-ħruġ tal-Unjoni mit-Trattat tal-Karta tal-Energija¹. Ġiet ippreżentata proposta simili għall-Euratom (dok.11691/23).
2. Il-proposta ġiet diskussa fil-laqgħa tal-Grupp ta' Hídma dwar l-Enerġija/Kumitat tal-Politika Kummerċjali (Servizzi u Investiment) fil-5 ta' Settembru 2023, fit-13 u fl-20 ta' Frar 2024, li wasslet għal proposta riveduta. Id-dokument rivedut jidher fid-dok. 6509/24.

¹ 11692/23

3. Din il-proposta hija marbuta mill-qrib mal-proċess għall-modernizzazzjoni tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija. Qed jiġi mfakkar li matul Konferenza ad hoc tal-Karta tal-Enerġija fl-24 ta' Ġunju 2022, il-Partijiet Kontraenti laħqu qbil fil-prinċipju dwar it-test modernizzat, u b'hekk ikkonkludew in-negozjati, mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni finali mill-Partijiet Kontraenti. L-eżitu nnegozjat kellu jiġi adottat fit-33 laqgħa tal-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija fit-22 ta' Novembru 2022. Qabel din il-laqgħa, l-Unjoni ma kinitx adottat pożizzjoni dwar il-modernizzazzjoni tat-Trattat. Fin-nuqqas ta' pożizzjoni tal-Unjoni, l-Unjoni ma setgħetx tivvota dwar l-adozzjoni tat-Trattat modernizzat. Meta jitqies dan kollu ta' hawn fuq, l-Unjoni u l-Euratom għandhom joħorġu mit-Trattat tal-Karta tal-Enerġija.
4. Diversi Stati Membri esprimew l-appoġġ tagħhom għall-emendi proposti għat-Trattat u indikaw l-intenzjoni tagħhom li jibqgħu Partijiet Kontraenti għat-Trattat, soġġett għall-modernizzazzjoni tiegħu. Dawn l-Istati Membri għandhom għalhekk jitħallew, permezz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill separata, japprovaw jew ma jopponux il-modernizzazzjoni fil-Konferenza tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija li ser tadotta l-modernizzazzjoni.
5. Fl-1 ta' Marzu 2024, il-Kummissjoni pproponiet abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-laqgħa rilevanti tal-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija, li ma teżerċitax id-dritt tal-vot tal-Unjoni u li tawtorizza lill-Istati Membri japprovaw jew ma jopponux it-Trattat modernizzat tal-Karta tal-Enerġija. Fir-rigward tal-Euratom ġiet proposta deċiżjoni simili.
6. L-abbozzi ta' Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar il-ħruġ tal-Unjoni u l-Euratom mit-Trattat tal-Karta tal-Enerġija u l-abbozzi ta' Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Euratom fil-laqgħa rilevanti tal-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija li ma jiġix eżerċitat id-dritt tal-vot tal-Unjoni/Euratom u li l-Istati Membri jiġu awtorizzati japprovaw jew ma jopponux it-Trattat modernizzat tal-Karta tal-Enerġija huma marbuta politikament, peress li dawn huma ż-żewġ partijiet ta' kompromess.

7. Partikolarment fir-rigward tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-ħruġ tal-Unjoni mit-Trattat tal-Karta tal-Enerġija, huwa meħtieġ li tintalab l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew. Il-Parlament Ewropew jeħtieġ li jkollu biżżejjed żmien għall-proċedura ta' approvazzjoni. L-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-ħruġ tal-Unjoni mit-Trattat tal-Karta tal-Enerġija għandu għalhekk jintbagħat lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu malajr kemm jista' jkun. Dan jippermetti lill-Unjoni tinnotifika l-ħruġ tagħha mit-Trattat tal-Karta tal-Enerġija qabel il-votazzjoni tal-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija dwar il-modernizzazzjoni tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija.
8. Hija l-intenzjoni tal-Presidenza li, qabel ma l-abbozzi ta' Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar il-ħruġ tal-Unjoni u l-Euratom mit-Trattat tal-Karta tal-Enerġija jiġu ppreżentati lill-Kunsill għall-adozzjoni finali, soġġetti għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew għall-parti tal-Unjoni, il-Kunsill għandu jkun lesta b'mod parallel il-proċess għall-abbozzi ta' Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Euratom fil-laqgħa rilevanti tal-Konferenza tal-Karta tal-Enerġija li ma jeżerċitax id-dritt tal-vot tal-Unjoni/Euratom u li jawtorizza lill-Istati Membri biex japprovaw jew ma jopponux it-Trattat modernizzat tal-Karta tal-Enerġija, dan bil-ħsieb li finalment jiġu adottati l-abbozzi ta' Deċiżjonijiet tal-Kunsill kollha mill-Kunsill fl-istess data.
9. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:
- jikkonferma l-qbil fil-prinċipju dwar it-test tal-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-ħruġ tal-Unjoni mit-Trattat tal-Karta tal-Enerġija kif jinsab fid-dok. 6509/24,
 - jissuġġerixxi lill-Kunsill fil-parti "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss biex jiddeċiedi li jibgħat l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-ħruġ tal-Unjoni mit-Trattat tal-Karta tal-Enerġija, kif rivedut mill-ġuristi lingwisti, lill-Parlament Ewropew għall-adozzjoni tiegħu.